# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Fl-atti tar-Rikors Numru 1029/2022 wara l-Mandat ta’ Sekwestru Numru1360/2022 fl-ismijiet:**

**Avv. Sarah Sultana [K.I. 0012581M] Bħala Mandatarja Speċjali tal-Assenti Markus Reuninger (Passaport Awstrijakk Numru P6547598)**

**Vs**

**Mr. Green Limited (C43260)**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ta’ Mr .Green Limited (is-Soċjeta’ rikorrenti tad-28 ta’ Ottubru 2022).

Rat ir-risposta ta’ L-avv. Sarah Sultana bħala mandatarja ta’ Markus Reuninger (l-intimat) tas-28 ta’ Novembru 2022.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċeduri.

Semgħet lill-abbli difensuri jitrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikros tħalla għal-lum għal digriet fil-miftuħ.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Is-Soċjeta’ rikorrenti permezz ta’ dawn il-proċeduri qed titlob l-limitazzjoni ai termini tal-artikolu 44(1)(a) jew is-sospensjoni in toto jew in parte ai termini tal-

artikolu tar-Regolament 44(1)(c)  Brussels I Recast (1215/2021EU) tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 1360/2022 fl-ismijiet premessi u dan sakemm jiġi deċiż ir-rikors numru 1004/2022AF. Il-mandat hawn imsemmi nħareġ bis-saħħa ta' titolu esekuttiv naxxenti minn żewġ Sentenzi tal-Qrati Awstrijaċi rispettivament datati 30 ta' Awwissu 2021 (Prim Istanza) u oħra tat-9 ta' Novembru 2021 (Qorti tal-Appell ).(Ara a' fol 21 u 89).

Il-kwistjoni kollha, fil-kumplessita' tagħha, tirriduċi ruħha għall-argument, li dawn is-Sentenzi ma jistgħux ikunu nforzati fit-territorju tal-pajjiż mhux tal-oriġini,  in kwantu dawn imorru manifestament kontra l-istrateġija pubblika ("ordre public") tal-Istat Malti. Dawn il-proċeduri huma maħsuba sabiex pendenti Kawża li diġa' ġiet presentata, l-effetti ta' dawn il-mandati jiġu sospiżi. Fil-fatt din il-Kawża tinsab pendenti bir-rikors numru 1004/2022AF.

Artikolu 44 tar-regolament jiddisponi hekk:

*In the event of an application for refusal of enforcement of a judgment pursuant to Subsection 2 of Section 3, the court in the Member State addressed may, on the application of the person against whom enforcement is sought:…1` <u>suspend, either wholly or in part</u>, the enforcement proceedings.* (Emfażi tal-Qorti),

Permezz ta' nota konġjunta tal-partijiet tat-2 ta' Diċembru 2022, konsonanti mal-verbal tat-30 ta' Novembru 2022, għarrfu lil din il-Qorti, li permezz ta' ċedola numru 2104/22 PLC il-Bank of Valletta Plc, għadda biex iddepositat is-somma ta' sitta u tletin elf ħames mija u erbgħa u sittin punt sebgħin tal-ewro

(€36,564.70). Dan huwa l-ammont indikat fis-sekwestru esekuttiv mertu ta' dawn il-proċeduri.

Il-Qorti, anke wara li eżaminat in-numru ta' Deċiżjonijiet dwar pendenzi simili għal dawk li għandha quddiemha, tasal għall-konklużjoni li s-Soċjeta' rikorrenti għandha *probabilis causa litganti.* Di piu' ġaladarba dan l-ammont huwa depositat, pendenti l-Kawża fuq imsemmija, l-intimat għandu moħħu mistrieħ li f'kas ta' esitu favorevoli għalih, l-ammont dovut qiegħed hemm. Iżda biex jiġri hekk din il-Qorti ser tagħti ordni li l-ammont hekk depositat ma għandux ikun żbankat minn ebda parti jekk mhux skont kif jiġi deċiż fir-rikors fuq imsemmi u ċioe' rikors numru 1004/2022AF.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant il-Qorti, wara li anke rat l-artikolu 44(c) tar-Regolament fuq imsemmi, qed taqta' u tiddeċiedi din il-pendenza billi:

1. Tissospendi l-effetti kollha tal-mandat esekuttiv mertu ta' dawn il-proċeduri u
2. Konsegwentement teħles lis-sekwestratarji kollha mill-effetti ta' dan il-mandat, ħlief għall-Bank of Valletta  Plc, u
3. Tordna li s-sommom kollha depositati bis-saħħa taċ-ċedola 2104/22 ma jiġux żbankati,  jekk mhux lil dik il-parti, li tkun intitolata għalihom skont Sentenza,  b'konsegwenza tal-proċeduri inizjati permezz tar-rikors numru 1004/22AF jew sakemm il-partijiet ma jifthemux mod ieħor.

Il-Qorti qed tordna, li dan id-digriet jiġi immedjatament notifikat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili biex jagħmel dak li hu mitlub minnu mill-liġi.

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Illum 19, ta' Diċembru, 2022**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**